MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MIRIAM HAYMAN

Seduta tad-19 ta' Frar, 2015

Numru. 780/2013

**Il-Pulizija**
**Sp Arthur Mercieca**
**Sp Spiridione Zammit**
**Sp Saviour Baldacchino**

**V**

**Donalise Chircop detentrici tal- karta tal-identita' bin-numru 371888M**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmija **Donnalise Chircop** li giet akkuzata talli matul ix-xhur ta' Awwissu 2013 gewwa dawn il-gzejjer b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

(1) Ipproduciet, bieghet jew xort'ohra ttraffikat ir-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza, u dan bi ksur tal-artikolu 8 (b) tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitlu 101 tal-Ligijiet ta' Malta).

(2) Kellha fil-pussess taghha ir-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur tal-artikolu 8 (a) tal-Kapitlu 101 tal-Ligijiet ta' Malta liema droga instabet f'tali cirkostanza li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv taghha.

(3) Kellha fil-pussess taghha d-droga herojina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kapitlu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kinitx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzata li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kinitx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess taghha u naqset li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medici Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

(4) Kellha fil-pussess taghha d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kinitx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-tabib Principali tal-Gvern skont id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kinitx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzata li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kinitx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollha d-droga imsemmija fil-pussess taghha u naqset li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti

msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kapitlu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

(5) U aktar talli fil-lejl ta’ bejn l-4 u l-5 ta’ Awwissu, 2013 ghall-habta ta’ 1.00 a.m. gewwa Xghajra (Zabbar) ikkommettiet serq ta’ diversi oggetti minn gewwa residenza ghad-dannu ta’ Ritianne Galea u Matthew Vassallo liema serq huwa aggravat bil-hin, bil-lok, bil-mezz, bix-xorta tal-haga misruqa u bil-valur li jeccedi Euro 232.92 izda ma jeccedix elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (2329.37);

(6) U aktar talli fil-lejl ta’ bejn it-3 u l-4 ta’ Awwissu, 2013 ghall-habta ta’ 00:00 hrs gewwa l-Fgura ikkommettiet serq ta’ vettura tal-ghamla Mazda numru ta’ registrazzjoni, INS 800 ghad-dannu ta’ Joseph Gravina u/jew persuni ohra liema serq huwa aggravat bil-hin, bil-lok, bil-mezz, bix-xorta tal-haga misruqa u bil-valur li jeccedi 232.92 Ewro izda ma jeccedix Euro Elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (2329.37).

Fl-ahharnett akkuzata wkoll talli rrendiet ruhha recidiva ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta wara li hija gia nstabet hatja b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat li hi rrispondiet fl-interrogatorju li ma kinitx hatja ta’ l-istess (folio 10).

Rat kemm l-ordni taht il-Kapitlu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta kif ukoll il-kontrordni relattiva (folio 10 – 162).

Rat ukoll l-artikoli mibghuta taht liema hemm mahsuba li tista’ tinstab htija u cioe:

(a) Fl-artikoli 261(f), (e), (b), (g) u (c) tal-Kodici Kriminali, Kapitlu 9 tal-Ligjiet ta’ Malta;

(b) Fl-artikoli 270, 269(g), 263(a), 271(g), 267, 278, 279(a), 280 u 281 tal-Kodici Kriminali, Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(c) Fl-artikoli 261(f), (e), (b), (g) u (c) tal-Kodici Kriminali, Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(d) Fl-artikoli 270, 269(g), 263(a), 271(g), 267, 278, 279(a), 280 u 281 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(e) Fl-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(f) Fl-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li l-imputata tat il-kunsens taghha ghal proceduri sommarji (folio 166).

Rat il-provi kollha prodotti.

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur li xehed illi gie esegwit warrant fil-konfront ta’ certu Saviour Agius dwar diversi serqiet ta’ vetturi li sehhew. Mit-tfittxija fir-residenza ta’ dan instabu varji affarijiet relatati ma’ tali serqiet kif ukoll zewg blokok suspettati raza kannabis u blokok ohra ta’ l-istess sustanza.

Qal li kellha wkoll il-Pulizija informazzjoni li f’dan is-serqiet kienet involuta l-imputata li nonostante li kellha tmur minn jeddha l-ufficju ta’ l-Ufficjal Prosekutur, din naqset li taghmel dan u giet sussegwentement arrestata minn gewwa l-ajruport fejn gia allegatament inqabdet tisraq u tressqet il-Qorti fuq tali akkuzi. Esebixxa l-istqarrija rilaxxata mill-imputata wara li hija ddecidiet li ma tikkonsultax avukat.
Giet esebita wkoll l-istqarrija guramentata ta’ certu Saviour Agius illi mill-investigazzjoni ta’ l-Ufficjal Prosekutur jirrizulta li ta informazzjoni lill-Pulizija dwar l-involviment tal-imputata fl-akkuzi lilha addebitati.

L-Ispettur Spiridione Zammit ukoll xehed dwar l-investigazzjonijiet li saru fuq diversi serqiet ta’ vetturi u minn gol-vetturi u t-tfittxija li saret fir-residenza ta’ certu Saviour Agius u s-sejba hemm ta’ varji mir-res furtiva. Xehed dana wkoll dwar l-istqarrija li rrilaxxa dan Agius, li aktar tard ghazel li jigguramenta l-istess stqarrija. Qal li dana Agius spjega l-involviment ta’ l-imputata kemm f’serq ta’ vettura kif ukoll fl-akkwist ta’ droga. B’hekk tressqet Donnalise Chircop bl-akkuzi in dizamina.

Xehdu wkoll varji pulizija li kienu nvoluti f’xoghol forensiku fuq il-varji vetturi misruqa u xoghol li sar fuq ir-res furtiva u d-droga misjuba PC 650 Justin Tabone, PS 826 Matthew Parnis, PS 192 Ramon Godano, PS 46 Charlot Casha, PS 31 Mario Farrugia. Esebew dawn l-esperti ir-rapporti relattivi minnhom redatti.

Xehdet id-derubata Ritienne Galea, dwar serq ta’ varji oggetti li sofriet mir-residenza taghha bhal stereo, television, playstation, karozza remote controlled kif ukoll cirka 600 Ewro f’muniti. Din is-serqa giet ikkonfermata mill-partner taghha Matthew Vassallo, xehed dan illi mill-fond lilu serqulu biss karozza li tahdem bir-remote control. Ukoll certu Lorry Vella xehed dwar serqa minnu subita ta’ vettura Mazda 323 numru ta’ registrazzjoni INS 800. Sab l-istess vettura hu stess gewwa l-Fgura.

Joseph Gravino wkoll xehed dwar il-vettura Mazda msemmija li ghalkemm kienet irregistrata fuqu skontu kienet f’idejn il-lavrant tieghu certu Lorry Vella. Xehed li kien dan Vella li kien infurmah bl-ghejbien tal-vettura in kwistjoni.

Min-naha tieghu Steven Cachia in rapprezentanza ta’ Transport Malta xehed dwar il-vettura Mazda 323 INS 800, ikkonferma li fiz-zmien ta’ l-akkuzi in ezami kienet fil-fatt registrata fuq ix-xhud precedenti.

Dwar id-droga misjuba ghandu Saviour Agius (dejjem dak li nvolva bl-istqarrija, anke guramentata, l-imputata) Godwin Sammut ikkonkluda s-segwenti (Dok GS1):

"

(a)Illi fuq estratti mehuda mis-sustanzi ta' lewn kannella li hemm fid-dokument 272_13_01 u 272_13_02 instabet is-sustanza Tetrayhdrocannabinol li hija sustanza li tigi mill-pjanta tal-kannabis. Il-piz total tas-sustanzi kien ta' 33.95 grammi u l-purita' kienet ta' cirka 8.5%. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-ligi taht Taqsima III Sezzjoni 8 tal-Kapitlu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

(b) Skont il-Malta Drug Situation Report 2011 il-valur ta' cannabis Resin kien ta' €17.85 kull gramma. Il-piz total kien ta' 33.95 grammi li jaghti valur total ta' €606."

Joseph Mallia mahtur bhala espert ghal ezami komparattiv tal-impronti digitali ma' dawk misjuba fuq ir-res furtiva u dawk apparentement elevati ta' l-imputata, dan ikkonkluda illi l-impronta li giet elevate mid-dokumnt 13 CDU 304 taqbel u ghalhekk hija identika mal-marka tas-sebgha l-kbir tal-id il-leminija ta' Donalise Chircop, karta tal-identita' 371888(M).

Ta' relevanza illi mir-rapport ta' SOCO jirrizulta illi din il-lifter dokumentata bhala 13 CD u 304 giet elevata minn fuq ir-rear view mirror tal-vettura Mazda 323, cioe tal-vettura misruqa kif hawn suriferut.

L-Ispettur Saviour Baldacchino da parti tieghu ipprezenta zewg sentenzi Dok SB a folio 152 u Dok SB1 a folio 159 it-tnejn fil-konfront ta' l-imputata dana in sostenn ta' l-akkuza addebitata tar-recidiva.

Telghet tixhed anke l-imputata. Tfakkar il-Qorti li l-imputata irrilaxxat stqarrija. F'din kif kien drittha ghazlet li kwazi ma twiegeb ghal xejn. Baqghet insistenti li dak li qal Saviour Agius, kien gideb, li qal fuqha kellu jarah hu. Baqghet insistenti li hi ma ghamlet xejn u li ghalhekk kellhom johdulha l-fingerprints.

L-imputata ghazelt li titla' tixhed in viva voce. Dwar Saviour Agius qalet li hija kienet tafu ghax it-tfajla tieghu kienet tahdem ma'

missierha u gieli flimkien kienu jmorru kemm il-Belt kif ukoll tas-Sliema jixtru. Qalet fil-konfront ta' Agius li ghalkemm kienet tkellmu ma kellha ebda kuntatt mieghu u lanqas kunfidenza zejda mieghu. Ziedet li darba ghax kienet waqfitilha l-karozza kienet telghet mieghu fil-karozza tieghu u wassalha d-dar fejn kienet toqghod dak iz-zmien. Qalet li sa fejn kienet taf hi dik il-karozza ma kinitx misruqa.

Ammettiet li kienet tiehu d-droga, dan tghid li kienet bdiet taghmlu minn meta sseparaw ommha u missierha. Qalet li qatt ma hadet droga ma' Saviour Agius jew ratu jixtri xi droga. Xehdet ghalhekk li l-istatement kontra taghha Agius ghamlu biex jevata xi "haga minn tieghu" (folio 178).

Xehdet illi ghalkemm kienet fil-hajja tad-droga qatt ma riedet trouble li qatt ma taha dana Agius droga biex tghaddiha lil haddiehor, illi qatt ma ratu jghaddi droga lil haddiehor. Qalet illi qatt ma seta' jaraha taghti droga lil haddiehor ghax dan ma ghamlitux. Baqghet insistenti li ma kinitx taf kif dahlet jew ahjar dahhalha fin-nofs.

Dwar il-vizzju tad-droga qalet li kienet tmur fl-ghaqda Dar Hosea. Ammettiet li kellha relapse. Ziedet li kienet qed taghmel minn kollox biex taqta' mill-problema. Tghallmet thit u anke bdiet terga' tpingi. Xehdet dwar il-progressi li kienet qed taghmel biex tohrog mill-vizzju tad-droga.

Insistiet li ghalkemm verament kellha problema ta' droga ghandha qatt ma nstab xejn, cioe qatt ma nstabet ebda sustanza llecita.

Insistiet li lanqas kienet taf fuq x'hiex giet arrestata. Ikkonfermat l-istqarrija minnha rilaxxata. In kontroezami nsistiet illi Agius wassalha biss darba bil-karozza u f'dik l-okkazjoni kienet riekba fuq quddiem. Ftakret illi kienet riekba go Mazda kannella u li Agius saq bic-cavetta.

Dwar Matthew Vassallo nnegat li dan kien persuna b'dizabilita' u li qatt ma marret ix-Xaghra ma' Agius hlief ghand in-nanniet taghha.

Insistiet li l-istqarrija ta’ Agius kienet falza. Qalet li ghalkemm Agius kien ittantaha, qatt ma tatu wicc u lit-tfajla tieghu kienet akkuzata b’dan. Ghalhekk ziedet li baqghet mistaghgba kif dahhalha fil-kredu. Kienet taf li hu kien jiehu d-droga biss minn dak lil qaltilha t-tfajla tieghu. Insistiet li hi droga kienet tikkonsma biss wahedha, ziedet dan biex zgur ma jkollhiex trouble.

Dwar Agius xehdet li hi ma kellhiex idea kif kien baqa’ fuq l-akkuzi ghax ma kellha ebda kuntatt mieghu u lanqas mat-tfajla tieghu.

Insistiet li bil-gurament kienet qed tghid li qatt ma kienet marret ix-Xghajra ma’ Agius u li l-unika darba li kienet mieghu fil-kaorzza kienet meta wassalha Wied il-Ghajn.

Ikkonsidrat

Illi fil-verita’ ghalkemm kif irrizulta mir-relazzjoni ta’ Joseph Mallia fil-vettura Mazda nstabet impronta digitali wahda ta’ Donnalise Chircop, din tghid li hi fil-fatt rikbet f’dik il-vettura darba wahda biss, l-unika darba li Saviour Agius wassalha ghax waqfitilha l-vettura taghha. L-impronta nstabet fir-rear mirror ta’ din il-vettura.

Kif intqal l-unika xhud li ngab kontra l-imputata hu l-istess Saviour Agius bix-xhieda guramentata tieghu li fiha hu xehed dwar l-involviement tal-imputata kemm fejn si tratta serq kif ukoll forniment ta’ droga. Pero’ dan Agius qatt u qatt ma gie prezentat ghall-kontro ezami, ghall-kontroll tad-Difiza fuq dak li qal kontra l-imputata.

Taghmel hawn referenza din il-Qorti ghal dak li qalu l-Qrati taghna dwar xhieda guramentata mehuda ai termini ta’ l-artikolu 24A(12) u (13) tal-Kaptilu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, dan stante li Saviour Agius qatt ma xehed f’dawn il-proceduri. Ghalhekk insibu fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizja v Pierre Gravina deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 ta’ Mejju, 2003 hekk:

“Issa, huwa principju generali li “…ix-xhieda ghandhom dejjem jigu ezaminati fil-Qorti u viva voce” (Artikolu 646(1), Kap. 9).

Ghal din ir-regola, pero`, hemm certi eccezzjonijiet li jipprovdi ghalihom l-istess Artikolu 646 fis-subartikoli li jigu wara s-subartikolu (1). Hemm ukoll l-eccezzjoni tad-deposizzjoni mehuda in segwitu ghall-hrug ta' ittri rogatorjali bil-procedura traccjata fl-Artikolu 399 tal-Kodici Kriminali, procedura li giet ritenuta applikabbli anke ghal kawzi sommarji (ara ***Il-Pulizija v. Angelo Grima*** App. Krim. 18 ta' Ottubru, 1952), u li fil-prattika giet ukoll applikata mill-Qorti Kriminali f'xi kazijiet wara l-hrug tal-att ta' akkuza. U hemm l-eccezzjoni ta' meta xhud jinstema' f'daru minhabba mard jew xjuhija (Art. 647, Kap. 9). Jigi osservat li anke fil-kaz ta' xiehda permezz ta' rogatorji u ta' xhieda li jinstemghu f'darhom, l-imputat jew akkuzat ghandu dejjem il-jedd li jkun presenti waqt is-smigh tax-xhud jew li jahtar rappresentant tieghu ghal waqt tali smigh – Art. 647(3) u 399(2). L-ewwel sentenza tal-Artikolu 30A tal-Kap. 101 taghmilha cara li dak l-Artikolu qed jipprovdi ukoll eccezzjoni, pero` mhux eccezzjoni ghar-regola kontenuta fl-Artikolu 646(1) tal-Kodici Kriminali izda ghar-regola kontenuta fl-Artikolu 661 ta' l-istess Kodici. Minn dan isegwi, li anke meta l-prosekuzzjoni tkun trid taghmel uzu minn dikjarazzjoni guramentata mehuda skond l-imsemmi Artikolu 30A, ir-regola ghandha tkun li min ikun ghamel dik l-istqarrija ghandu jingieb fil-qorti biex l-imputat jew akkuzat ikun jista' jikkontroezaminah dwarha. S'intendi, dan ma jfissirx li jekk ix-xhud, meta jigi ezaminat jew kontro-ezaminat, ibiddel jew jirritratta minn dak li jkun qal fid-dikjarazzjoni guramentata, allura dik id-dikjarazzjoni (jew il-parti mibdula jew ritrattata) ma tkunx aktar tista' tittiehed bhala prova kontra l-akkuzat; il-gudikant jista' xorta wahda, wara li jkun sema' lix-xhud, jasal ghall-konkluzzjoni li il-verita` hija dik kontenuta fl-istqarrija guramenetata u mhux dak li jkun iddepona fil-qorti x-xhud. Ifisser biss li, bhala regola, min ikun ghamel tali stqarrija guramentata ghandu jingieb il-qorti ghall-fini ta' kontroll da parti tal-akkuzat jew imputat. F'dan is-sens ukoll esprimiet ruhha l-Qorti Ewropea fil-kawza **Kostovski v. Netherlands** (20 ta' Novembru, 1989) meta qalet li d-dritt ta' akkuzat li jikkonfronta xhud migjub kontra tieghu

**"does not mean, however, that in order to be used as evidence statements of witnesses should always be made at a public hearing in court: to use as evidence such statements obtained at the pre-trial stage is not in itself inconsistent with paragraphs (3)(d) and (1) of Article 6, provided the rights of the defence have been respected. As a rule, these rights require that an accused should be given an adequate and proper opportunity to challenge and question a witness against him, either at the time the witness was making his statement or at some later stage in the proceedings."**

Dan l-istess argument gie rifless fil-kawza fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta v Matthew John Migneco fejn il-Qorti Kriminali fit-8 ta' April, 2010 qalet hekk:

"S'intendi, dana l-Artikolu 30A tal-Kap. 101 irid dejjem jinqara fid-dawl tad-disposizzjonijiet generali tal-Kodici Kriminali (eccetwat l-Artikolu 661 tal-istess Kodici, li ghalih l-Artikolu 30A jaghmel deroga espressa). Issa, l-Artikoli 549(4) (u ma jistax ikun hemm dubju li l-intervent ta' Magistrat taht is-subartikoli (12) u (13) tal-Art. 24A tal-Kap. 101 hija forma ta' inkjesta dwar l-in genere b'modalitajiet kemm xejn differenti mehtiega ghall-finijiet tal-istess Kap. 101) u 646(2) tal-Kap. 9 huma cari fil-portata taghhom: id-deposizzjoni regolarment moghtija fl-inkjesta dwar l-in genere (bhalma hi dik a fol. 137 sa 144) tista' tingieb bhala prova, u mhux semplicement ghall-finijiet ta' kontroll, basta, pero`, li x-xhud jingieb ukoll fil-qorti biex jigi ezaminat viva voce...hlief jekk ix-xhud ikun mejjet, ikun barra minn Malta jew ma jkunx jista' jinsab... (ara l-proviso tas-subartikolu (2) tal-imsemmi Artikolu 646)."

Illi jsegwi ghalhekk illi din ix-xhieda ta' Saviour Agius prezentata fl-atti bhala xhieda guramentata ma tistax tittiehed in konsiderazzjoni minn din il-Qorti ghaliex Saviour Agius qatt ma ngab il-Qorti biex ix-xhieda tigi soggetta ghal kontroll u skrutinju tad-difiza.

Ikkonsidrat

Illi fil-fatt l-unika prova li jibqa' fl-atti, prova ammissibbli li tista' tipponta lejn l-imputata hija s-semplici impronta digitali taghha misjuba fil-Mazda kif irrizulta lill-espert Joseph Mallia. Prova din li wahedha zgur mhux wahda inekwivoka. Illi anke jekk Chircop tammetti l-abbuz tad-droga u dan anke jirrizulta mid-diversi noti esebiti mill-Ufficjal tal-Probation u t-tabib u ufficjali tas-Sedqa li xehdu dwar il-vizzju taghha, dan mhux marbut ma' ebda data specifikata, lanqas ma jirrizulta li ghandha nstabet xi droga konsegwentemnet din il-Qorti nonostante li hija ben konxja mill-problema ta' l-imputata qeghda mhux biss tilliberaha mill-akkuzi ta' bejgh, pussess aggravat, serq u recidiva imma sahansitra anke mill-pussess semplici ta' eroina u kokaina ghax-xahar ta' Awwissu, 2013.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------